MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 2885/2002

**Jacqueline Briffa**

**vs**

**Paul Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) rappresentanti ammont ta' deprezzament soffert fil-vettura ta'l-attrici tat-tip Peugeot 307, wara illi fil-31 ta' Dicembru 2001, filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq l-vettura tat-tip Seat Cordoba gewwa San Giljan, b'negligenza, traskuragini, imperizja u nuqqas ta' attenzjoni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, huwa baqa diehel fuq il-vettura ta'l-attrici li kienet ipparkeggjata b'mod legali. Illi l-attrici kienet xrat din il-vettura ftit xhur qabel u dana precizament fis-26 ta' Lulju 2001 ghal prezz ta' Lm8850 u b'konsegwenza ta'l-imsemmi incident , il-vettura taghha sofriet danni li

diga gew likwidati u imhallsa, kif ukoll deprezzament fil-valur taghha rizultat tal-hsarat estensivi, li jammonta ghal Lm400, kif likwidat mis-socjeta Michael Attard Limited, l-agent lokali tal-karozzi tat-tip Peugeot, u dana kif jirrizulta mid-Dokument A, anness ma'l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-30 ta' April 2003 fejn huwa eccepixxa illi r-rikjesta ta'l-attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma kienx hemm deprezzament fil-vettura ta'l-attrici u dana kif ser jigi ahjar spjegat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta'l-attrici, ta' Adrian Scicluna Calleja, John Attard, imsejjhin mill-attrici u Colin Cassar u David Debono, imsejjhin mill-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici qieghda tressaq it-talba taghha ghad-deprezzament soffert fil-vettura taghha b'konsegwenza ta' incident stradali li ghalih kien jahti unikament l-konvenut. Illi rigward ir-responsabbilta' tal-konvenut ghal dan is-sinistru, ma jidhirx illi hemm konstestazzjoni li jidher ukoll mill-fatt illi l-konvenut jew ahjar l-assikurazzjoni tieghu hallset ghad-danni sofferti f'din il-vettura.

Illi skond l-principju tar-*restitutio in integrum*, l-attrici ghandha kull dritt illi tigi rientegrata fil-patrimonju taghha u dana b'konsegwenza ta' dan l-event dannuz. Dana ifisser ghalhekk illi hija ghandha dritt illi tigi imhallsa mhux biss id-danni attwali li hija sofriet fil-vettura taghha izda ukoll ghad-deprezzament soffert f'din il-vettura.

Kif gustament sostniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'sentenza moghtija fit-28 ta' Marzu 2003 (per Imhallef Philip Sciberras) fl-ismijiet Michael Camilleri vs Joseph Saliba: "l-principji generali regolanti materja ta' rizarciment

tad-danni, kompriz ghalhekk id-deprezzament, hi di regola li d-danneggjant ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta'l-event dannuz u ghalhekk f'kaz ta' rizarciment *par equivalent* ghandu jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta'l-utilitajiet mitlufa."

Il-Qorti madanakollu tkompli: "Naturalment din ir-regola tar-*restitutio in integrum* hi kwalifikata minn regola ohra li timponi fuq l-attur id-dmir li jiehu l-mizuri kollha ragjonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab b'konsegwenza tal-fatt illecitu, b'mod li jista' jigi eskluz, fil-kazijiet kongruwi, mir-rizarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. …. Id-deprezzament jirrientra bhala dritt fil-konsiderazzjoni tad-danni jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-fatt il-karozza, wara it-tiswija, ma tkunx giet tiswa daqs kemm kienet tiswa qabel il-kollizzjoni "

Ikkunsidra,

Illi mill-provi jirrizulta illi fil-mument ta'l-incident, u cioe' f'Dicembru 2001, l-vettura ta'l-attrici kient ghadha prattikament gdida tant illi hija tistqarr fix-xhieda taghha illi kienet akkwistata f'Lulju ta' l-istess sena. Il-hsarat kienu gew imsewwija minn Michael Attard Limited, minn fejn l-attrici kienet akkwistat il-vettura taghha. Il-valur tad-danni fl-ammont ta' Lm1406, kienu gew imhallsa minn Montaldo Insurance Agency Limited, l-assikurazzjoni tal-konvenut.

Illi irrizulta illi bid-daqqa qawwija li kienet qalghet, il-vettura ta'l-attrici kient fost affarijiet ohra sofriet danni estensivi fil-floor board taghha, liema floor board ma setax jinbidel, izda seta' biss jissewwa. Dana gie ukoll ikkonfermat mix-xhud Adrian Scicluna Calleja, *after sales manager* impjegat ma' Michael Attard Limited li ha hsieb it-tiswijiet fil-vettura ta'l-attrici. Huwa jikkonferma illi ghalkemm il-hsara ma hijiex vizibbli, izda il-vettura tista' issofri fil-*performance* taghha fil-futur. Illi inoltre, mid-Dokument JB1, jirrizulta illi l-vettura ta'l-attrici sofriet deprezzament fil-valur ta' Lm400 u dana b'konsegwenza diretta ta' dan l-incident.

Illi l-konvenut isostni illi gialdarba l-vettura ta'l-attrici issewwiet a sodisfazzjon taghha u li l-parts li inbiddlu kienu kollha godda, allura l-vettura regghet akkwistat il-pre-accident value taghha u ghalhekk hija ma sofriet l-ebda deprezzament. Illi in sostenn tat-tezi tieghu, l-konvenut iressaq bhala xhud lil Colin Cassar, is-*surveyor* inkarigat mill-assikurazzjoni tieghu li kien ezegwixxa *survey* fuq il-vettura ta'l-attrici wara l-incident.

Illi dana ix-xhud ghalkemm inizjalment jikkontendi illi din il-vettura ma sofriet l-ebda deprezzament stante illi kollox gie rimpjazzat b'*spare parts* godda, sussegwentement jikkonferma illi l-*mudguards* u il-*floor board* kienu issewwew. Inoltre jammetti in kontro-ezami illi meta il-vettura tigi biex tinbiegh fuq is-suq, jekk ix-xerrej ikun jaf bil-hsarat li kien fiha u li hija imsewwija certament ma huwiex sejjer joffri l-istess prezz daqslikieku il-vettura ma kienet involuta fl-ebda incident. Izda jekk wiehed ma ikunx jaf u dana peress illi jigi mistur minnu dan il-fatt allura wiehed ma jistax jinduna illi din hija vettura imsewwija.

Illi bir-rispett kollu, it-Tribunal ma jistax jikkondividi din il-fehma ta' dana ix-xhud u lanqas ma jista' jilqa' t-tezi tal-konvenut. Dana 'il ghaliex wiehed irid jistrieh fuq il-presuppost ta'l-ingann sabiex il-vettura iggib l-istess valur fuq is-suq billi lix-xerrej injar ta' dan kollu jigi mistur il-fatt illi din il-vettura ma hijiex perfetta u li fiha difett.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal ihoss illi l-insenjament tal-Qrati taghna f'dana ir-rigward kif delinjat mill-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata, isib applikazzjoni shiha fil-kaz in dizamina fejn f'kwotazzjoni ohra twila minn sentenza ohra deciza fir-8 ta' Mejju 1978 mill-Qorti ta'l-Appell Civili fl-ismijiet Avukat Dr. Giuseppe M. Camilleri vs Salvu Bonnici et. noe., inghad:
"Il-kwestjoni fl-opinjoni ta' din il-Qorti ghandha tigi ikkunsidrata mill-punto di vista objettiv. Kemm tigi tiswa fuq is-suq karozza msewwija, u msewwija anke tajjeb b'mod li tkun tajba ghall-uzu precedenti taghha. Jekk tigi tiswa anqas bhala *market value* u b'*market value* l-Qorti ma tindendix biss il-prezz f'bejgh lil *dealer*, jew bejn zewg *dealers*, imma dak li jkun pront ihallas *a willing customer* –

allura fejn din id-dimunizzjoni tal-valur tirrizulta ippruvata, l-ammont relattiv jista’ fil-kazi kongruwi , jigi nkluz fil-mizura tad-danni taht l-ewwel kap prevvist mill-Artikolu 1088 (illum Artikolu 1045, Kapitolu 16) cioe’ dak tat-telf effettiv. S’intendi f’kazi kongruwi l-Qorti qeghda tirriferixxi ghal certi cirkostanzi li ghandhom jirrizultaw , cioe’ irid ikun hemm hsara serja u rilevanti, anzi biex ighid hekk, ingenti, basta li l-vettura ma tkunx *total loss* (ghax f’dan il-kaz tidhol regola ohra) li l-kaz ikun jitratta minn karozza ta’ certa kwalita u finezza u kwazi gdida u li hu jkun facli bhal ma hu x’aktarx facli, fis-suq cjekjen ta’ Malta fejn il-kelma malajr tigri, li l-*market value* tal-karozza jitbaxxa.”

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-vettura ta’l-attrici sofriet deprezzament fil-valur taghha meta wara ftit xhur fuq it-triq, hija qalghet daqqa konsiderevoli bil-konsegwenza li partijiet minnha gew riparati. Illi ghalhekk jikkonkludi illi l-ammont reklamat ta’ Lm400 huwa wiehed ekwu u gust kif stabbilit minn John Attard wara li jirrizulta mid-Dokument JB1 illi huwa ha l-fatturi relevanti kollha in konsiderazzjoni qabel ma wasal ghall-istima tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna il-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------